# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

# MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 12 ta' Lulju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sean Scicluna)**

**vs.**

**Stephen Ritchie**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stephen Ritchie ta' 44 sena iben Carmelo u Sonia nee' Camilleri imwieled Pieta' fit-13 ta' Dicembru 1961 u li joqghod Home Sweet Home, Triq il-Bies, San Gwann, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 14662M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem ta' 'Phone Shop' li jinsab Sliema Road, Gzira fil-11 ta' Lulju 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li

tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' accessorji ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
3. U aktar talli, fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippattkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta)
4. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal jew biegh jew mexxihom. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
5. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 14 ta' Dicembru 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u id-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil Stephen Ritchie ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk deciz u trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija ircevew kwerela minghand Nokia Corporation fejn infurmawhom li kellhom suspett li gewwa l-hanut "The Phone Shop", Sliema Road, Gzira, qed jinbieghu *express on covers* u *pockets* tal-marka Nokia foloz.
2. Il-Pulizija ghamlet tfittxija f'dan il-hanut, li kien gestit mill-imputat, u gabru 24 cover tan-Nokia, li ssuspettaw li huma foloz.
3. Fl-istqarrija tieghu, li kkonferma bil-gurament fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li kien xtara dawn il-covers minghand certu Eyad Abu Hishmeh u ipprezenta l-ircevuta li biha kien xtrahom. Din l-ircevuta tghid *"mobile phone accessories"*, minghajr ma gie specifikat l-ammont u x'kienu dawn l-*accessories*, u l-prezz hu indikat bhala LM396.00
4. L-imputat insista li hu affarijiet originali biss jixtri, pero' ammetta li ghalkemm din kienet l-ewwel u l-unika darba li xtara minghand Hishmeh, ma staqsiehx jekk kienx awtorizzat min-Nokia Corporation biex ibiegh il-prodotti taghhom, u lanqas staqsieh ghac-certifikati li jiggarantixxu l-originalita'.
5. Konsegwentement, il-Pulizija istitwiet dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat.

Il-Qorti hatret bhala espert lil Martin Bajada sabiex jezamina dawn in-Nokia mobile covers. L-espert ikkonkluda hekk:

*"8. "L-ebda wiehed mill-mobile covers ezaminati ma humiex konformi <u>f'kwalita u fil-packing</u>" ma' prodotti originali tad-ditta Nokia.*

*9. Il-prodott originali Nokia huwa ta' kwalita u packing superjuri meta komparat mal-prodott esebit bhala DOK AG. … …*

*10. Il-mobile covers elevati u esebiti bhala DOK AG4 jirrizultaw li huma counterfeit … …"*

Qabel tikkunsidra l-meritu, il-Qorti tixtieq taghmel kunsiderazzjonijiet preliminari.

<u>*L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat*</u>

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta l-istqarrija tal-imputat, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Pero' fil-kaz odjern, l-imputat tela' jixhed u wara li l-avukat difensur qralu l-istqarrija, l-imputat ikkonfermaha fit-totalita' taghha bil-gurament tieghu. In oltre, fit-trattazzjoni orali finali, l-abbli difensur tal-imputat ghamel ampja riferenza ghal dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu u l-verzjoni tal-fatti li l-imputat ta lill-Pulizija *a tempo vergine.* Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

<u>*L-Ammissibilita' tar-Rapport tal-Espert Martin Bajada*</u>

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Chetcuti Bonavita et vs Dr Beppe Fenech Adami nomine**, deciza fid-29 ta' April 2016 irriteniet hekk:

*"Ghalhekk huwa essenzjali illi l-persuna nominata mill-qorti jkun bniedem li jispira fiducja, jekk hemm ragunijiet validi ghala jintefa dubbju fuq l-integrita tal-perit, dak il-perit ma*

*ghandux jithalla jkollu sehem fil-process gudizzjarju ghax dan idghajjef il-fiducja li l-partijiet kif ukoll il-pubbliku ghandhom ikollhom fil-qrati tal-gustizzja."*

Dan gie deciz in kwantu ghal fatt illi kien gie a konjizzjoni tal-Qorti li kienet qed tisma' l-kaz u tal-partijiet, illi l-espert kien gie misjub hati ta' reati ta' falsifikazzjoni gewwa l-Ingilterra, addirittura il-fuq minn ghoxrin sena qabel, meta l-perit tekniku li kien qed jintalab minnu kien jikkoncerna l-awtenticita' ta' firma o meno. Jirrizulta wkoll minn din is-sentenza illi dan il-kaz ingieb a konjizzjoni tal-pubbliku in generali wara li din l-informazzjoni harget fil-*media* fit-2 ta' Novembru 2012.

Issa fil-kaz odjern, id-difiza eskutiet lill-espert Dottor Martin Bajada fis-seduta tal-21 ta' Frar 2014 – cioe' aktar minn sena wara li l-informazzjoni dwar il-hajja privata passata tal-espert kienet ingiebet a konjizzjoni tal-pubbliku – u ma semmiet xejn rigward l-passat tal-espert [1]Dr Bajada, u lanqas saret riferenza ghalih fit-trattazzjoni finali orali. Sussegwentement, il-Qorti tal-Appell tat is-sentenza **Joseph Chetcuti Bonavita et vs Dr Beppe Fenech Adami nomine** fuq citata, li inghatat pubblicita' kbira fuq il-mezzi tax-xandir. Zgur allura li f'dan il-perjodu ta' zmien, il-partijiet, u allura l-imputat u d-difiza tieghu, kienu ben konxji mhux biss tal-allegazzjonijiet li kienu qed isiru izda wkoll bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Izda dan nonostante, ma hassewx in-necessita' li jressqu xi oggezzjoni ghar-rigward tal-integrita' u l-valur probatorju tar-rapport li gie ipprezentat u mahluf quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Marzu 2009.

In oltre fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghandha ssir distinzjoni bejn il-fattispecje tal-kaz in dizamina quddiem il-Qorti tal-Appell u l-fattispecje fil-kaz odjern. Fil-kaz quddiem il-Qorti tal-Appell, l-*expertise* mitluba mill-espert Martin Bajada kienet opinjoni fuq kaligrafija fejn kien hemm allegazzjoni ta' falsifikazzjoni. Fil-kaz odjern, dak li kellu jaghmel l-espert kien semplicement li jezamina l-mobile covers, ezercizzju li *ictu ocoli* jista' jigi ivverfikat. L-espert stess jghid li l-*mobile covers* ma humiex konformi f'kwalita u fil-packing ma' prodotti originali tad-ditta Nokia – fattur li seta' allura jigi verifikat mill-imputat.

Fid-dawl tas-suespost, ir-rapport tal-espert Martin Bajada f'dawn il-proceduri jikkostitwixxi kostatazzjoni ta' fatt u ma jipprezentawx xi opinjoni esperta li l-Qorti ghandha normalment

[1] Ara digriet tas-7 ta' Marzu 2008 a fol. 26 tal-process.

tistrieh fuqha u li l-imputat ma kellux mezz li jivverifikaha u jressaq l-provi kontriha. Kwindi ma jezisti l-ebda perikolu f'dawn ic-cirkostanzi illi l-gustizzja ma tidhirx li qed issir ghaliex l-informazzjoni tidher car u tond minn ezami semplici tal-atti u verifiki li setghu isiru tal-informazzjoni mghoddija lill-Qorti mill-espert.

In vista tas-suespost, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatti personali marbuta mal-imghoddi tal-espert Dottor Martin Bajada f'dan il-kaz, ma jistghux jinfluwixxu fuq ix-xoghol maghmul minnu – xoghol konsistenti f'konstatazzjoni ta' fatti minn dokumenti ezebiti in atti li setghu jigu verifikati mill-partijiet.

Id-dover ta' din il-Qorti huwa li tara li l-imputat ma jkunx gie ippregudikat mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq b'dak ir-rapport. Fil-fattispecje tal-kaz odjern, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, r-rapport ta' Martin Bajada ma huwa ser johloq l-ebda pregudizzju ghad-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq, u dan in vista tal-fatti tal-hajja personali tal-imsemmi espert li ma huma ser jixhtu l-ebda dell fuq il-valur probatorju tar-rapport minnu redatt. Dan ghaliex kif inghad, xoghol l-espert kien jikkonsisti biss f'konstatazzjoni ta' fatti li johorgu mid-dokumenti esebiti fl-atti, in partikolari mill-mobile covers in kwistjoni, u ma jesprimu l-ebda opinjoni teknika tal-istess espert. (ara fl-istess sens id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] tas-26 ta' Jannar 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Franklin Gauci**, u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Janis Boruss**, deciza fit-23 ta' Frar 2017).

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tordna l-isfilz tar-rapport tal-espert Martin Bajada.

*Il-Meritu*

In eskussjoni, l-espert Martin Bajada qal li l-mobile covers originali tan-Nokia ikollhom il-*patent registration number* u jkollhom id-dettalji kollha fuqhom – kif, *del resto*, bniedem ordinarju ghandu jippretendi li prodott originali ghandu jkollu – u dan il-*patent registration*

[2] *Per* Imhallef Edwina Grima.

*number* huwa l-*item code number* taghhom. Il-*mobile covers* in kwistjoni ma kellhomx dan il-*patent registration number*, u lanqas ebda numru iehor.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li qabel l-*accessories* tan-Nokia kienu jigu f'kartuna li tkun ppakkjata bil-*blister packs*. Ghalhekk, skond hu, jekk wiehed jixtri mill-*parts division*, u hu xehed li kien jixtri sikwit mill-*parts division*, u jordna "faccata", l-agent kien jaghtielu f'borza tal-*plastic* bhal ma huma l-*mobile covers* in kwisjtoni.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid ukoll li peress li uhud minn dawn il-*mobile covers* kellhom l-isem tal-socjeta tat-komunikazzjoni celluri Taljana "Tim" fuqhom, jista' jkun li l-*packaging* isir differenti.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-imputat ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li hu ma kienx konxju meta xtara l-*mobile covers* in kwistjoni bl-iskop li jbieghhom, li dawn ma kienux originali:

1. Fl-ewwel lok, hanut li jbiegh oggetti u accessorji taghhom originali jixtrihom jew jimpurtahom minghand agent awtorizzat tad-ditta in kwistjoni. Issa fil-kaz odjern, mill-ircevuta ezebita mill-imputat stess jirrizulta li dan xtrahom minghand *sole trader* barrani li l-ufficcju tieghu huwa Ghawdex – pero' li ghal xi raguni deherlu, skond l-imputat, li jigi jqassam ix-xoghol fil-hwienet hawn Malta. Ghalkemm din kienet l-ewwel darba li l-imputat xtara oggetti minghandu, l-imputat ma deherlux li kellu jistaqsieh jekk hux agent awtorizzat li jbiegh prodotti tan-Nokia u wisq inqas talbu dokumentazzjoni bil-miktub biex jikkonferma dan.

2. Certament ma jistax jinghad li l-ircevuta li tah dan is-*sole trader* hi wahda professjonali. Ma hemmx indikat x'oggetti xtara l-imputat u l-ammont ta' kull oggett li xtara. Kullma hemm huma l-kliem *"mobile phone accessories"* u l-prezz totali ta' LM396.00. Minn ditta professjonali bhan-Nokia, wiehed jippretendi, l-ircevuta tkun *itemised* u jkun hemm espressament miktub li l-accessorji, jew ghall-inqas numru minnhom huma tad-ditta Nokia.

3. Fix-xhieda tieghu, l-ex Spettur Kevin Borg, li investiga l-kaz jghid, li ma rnexxielux jirrintracca lil dan is-*sole trader* li ismu jidher fuq din l-ircevuta. Dan jista' biss

ifisser li dan is-*sole trader* ma kienx xi bniedem rinomat, Malta u Ghawdex, li hu awtorizzat li jbiegh oggetti originali tad-ditta Nokia, u allura wiehed ma jistax jargumenta li l-imputat kien gustifikat li jaqbad u jixtri minghandu, minghajr ma joqghod jitolbu d-dokumentazzjoni necessarja biex jissodisfah li kien agent tan-Nokia.

4. Il-fatt li l-*packaging* tal-*mobile covers* in kwistjoni ma kellu l-ebda tip ta' identifikazzjoni fuqu, ukoll, iqajjem dubbju f'mohh bniedem ordinarju – ahseb u ara f'mohh bniedem li jahdem f'dak ix-xoghol – li l-*mobile covers* ma humiex originali.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li meta l-imputat xtara u sussegwentament beda jbiegh dawn il-*mobile covers*, huwa kien konsapevoli tal-fatt li dawn il-*mobile covers* ma humiex originali.

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat hija ta' ksur tal-Artikoli 298(1)(a)(b)(c) u (f) tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar ir-reat kontemplat fil-paragrafu (a), la gie pruvat u lanqas biss gie allegat li kien l-imputat li ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew tal-prodott ta' industrija.

Pero' bl-ebda mod ma jista' l-imputat jargumenta b'success – ladarba din il-Qorti tirritjeni li l-imputat kien xjenti tal-falsita' tat-*mobile covers* – li ma kienx qed jaghmel uzu xjentement tal-ismijiet, marki jew sinjali li kien hemm fuq dawn il-*mobile covers,* stante li hu stess ammetta li kien qieghed ibieghhom xi Lm10 jew Lm12.00 il-wiehed.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-paragrafu (a) ma hux rikjest bhala element tar-reat li jkun hemm indikjazzjoni li tista' <u>tqarraq lix-xerrej</u> , kif inhu rikjest fil-para. (c) jew li jkunu <u>imxebbhin b'qerq</u> kif inhu rikjest fil-para (f).

Ghalhekk, jirrizulta l-uzu xjenti tal-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati kif ikkontemplat fl-artikolu 298 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.

Rigward l-Artikolu 298(1)(b) tal-Kodici Kriminali, mill-provi certament ma jirrizultax li kien l-imputat li ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid xi disinji jew mudelli ta' manifattura w lanqas ma tirrizulta l-ipotesi li hu ghamel uzu mill-istess disinji jew mudelli falsifikati, minghajr il-kunsens tas-sid.

L-imputazzjoni taht il-paragrafu (c) giet debitament ippruvata, stante li jirrizulta li l-imputat biegh uhud minn dawn il-*mobile covers* jidher gustifikat biss in kwantu ma b'marki, sinjali jew emblemi li kien fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej. In oltre, jirrizulta l-uzu xjenti tal-istess marki, sinjali jew emblemi, li indubbjament kienu kalkolati biex jindikaw li kienu oggett awtentiku, indipendentement, mill-fatt jekk din l-indikazzjoni kienx ikollha success jew le ma' xi xerrej potenzjali. Ghalhekk r-reati kontemplati fil-paragrafu (c) tal-inciz (1) jirrizulta ampjament pruvati, una volta giet pruvata x-xjenza tal-falz fl-imputat.

Il-paragrafu (f) tas-subiniz (1) gie wkoll debitament pruvat, stante gie kif inghad, gie pruvat li l-imputat xjentement biegh u zamm ghandu ghall-bejgh merkanzija b'marka, sinjal jew emblem imxebbhin b'qerq bi ksur tal-artikolu 298B(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat huwa hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, inkwantu billi xjentement biegh u zamm ghandu ghall-fini ta' bejgh oggetti bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur.

It-tielet imputazzjoni ta' uzu mhux awtorizzat ta' *trade mark* tirrizulta wkoll pruvata limitatament taht l-Artikoli 72 (1)(b) u (c) tal-Kapitolu 416.

Rigward ir-raba imputazzjoni, u cioe' dik tar-ricettazzjoni, mill-provi ma rrizultax bl-ebda mod, li l-oggetti falsifikati li xtara l-imputat kienu wkoll misruqa, u konsegwentement din l-imputazzjoni ma gietx pruvata.

Rigward il-hames imputazzjoni u cioe' dik tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni naqset li tezebixxi xi sentenza fejn l-imputat instab hati minn dawn il-Qrati ta' xi reat. Ghalkemm mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat ghandu xi kundanni minn dawn il-Qrati, il-fedina penali mhix prova sufficjenti ghal fini tar-recidiva. Konsegwentement, din l-imputazzjoni wkoll ma gietx debitament ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati, l-ewwel zewg imputazzjonijiet li taghhom l-imputat instab hati huma assorbiti fir-reati iktar gravi taht l-Artikolu 72(1)(b) u (c) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-fedina penali tal-imputat mhix wahda nadifa. Huwa ghandu zewg kundanni minn dawn il-Qrati, wahda ta' diversi reati ta' serq u l-ohra ta' diversi reati ta' ksur tal-ligijiet relatati mal-importazzjoni u d-dwana.

Pero', wiehed irid jiehu wkoll in konsiderazzjoni li l-ammont ta' *mobile covers* falsifikati li nstabu fil-pussess tal-imputat kien wiehed zghir – cioe' 24 *cover,* ghalkemm l-imputat stess ammetta li kien lahaq biegh ammont ta' *covers* li kien xtara minghand l-istess persuna.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti mhix tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn, ghalkemm giet ukoll ippruvata l-imputazzjoni li l-imputat ikkommetta reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u lanqas hija tal-opinjoni li ghandha thassar jew tissospendi ghal xi zmien il-licenzja tal-imputat ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha l-ohra, il-Qorti lanqas tista' taqbel mal-Ufficjal Prosekutur li ssottometta li l-imputat ghandu jinghata liberta' kondizzjonta, stante li din tkun biss *a slap on the hand* ghall-imputat u xejn iktar. Ir-reati kontra d-drittijiet tal-awtur u uzu mhux awtorizzat ta' *trademarks* huwa fenominu li kiber hafna f'dawn l-ahhar snin, u l-Qorti trid izzomm ukoll quddiem ghajnejha il-pregudizzju li jsoffri l-awtur jew sid it-*trademark,* b'dawn it-tip ta' reati, kif ukoll il-pregudizzju li jsoffri l-konsumatur, li jhallas flus tajba biex jixtri oggett originali, meta fil-fatt ikun iffalsifikat.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea hija wahda pekunjarja, lejn il-minimu taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti,

1. Issib lill-imputat mhux hati limitatament tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz fl-ewwel imputazzjoni, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontrih, u qed tilliberah minnhom.
2. Wara li rat l-Artikolu 18, 298(1)(a), (c) u (f) u 298B(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 72(1)(b) u (c) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-Artikoli u li huma msemmija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, u
3. Tikkundannah ghal piena ta' multa ta' hames mitt Euro (€500), liema multa ghandha tithallas minnufih, u fin-nuqqas tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.
4. tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti w d-distruzzjoni taghhom permezz tar-Registratur ta' dawn il-Qrati;
5. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u tnax-il Euro u erbghin centezmu (€212.40) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**